MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 10/09 (Laqgħa B'Urġenza)

It-Tlieta 7 ta' Jannar 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fl-erbgħa (4:00pm) ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Marija Micallef – Kunsilliera

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

10.2 Is-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS fil-Gudja;

10.3 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Romeo Baldacchino ppresedja l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fl-erbgħa u kwart ta` filgħaxija (4:15pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**10.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Is-Sindku nfurma lil dawk prezenti li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**10.2 Is-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS fil-Gudja;**

Is-Sindku għamel referenza għas-sitwazzjoni tal-magna tal-BCRS fejn għalkemm il-Kunsill Lokali talab lir-rappreżentanti tal-BCRS biex jsibu post alternattiv għal din il-magna jew li tintefa' sakemm jinstab post ieħor, baqa' ma sar xejn. Din qed toħloq frustrazzjoni fost ir-residenti. Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex nerġgħu nibgħatu ittra lir-residenti b'dak kollu li qed jagħmel il-Kunsill. Is-Sur Caruana żied jgħid li l-Kunsill dejjem baqa' bl-istess fehma. Żied jgħid li fejn il-Kunsill kien propona fejn Ġnien il-Kmand, hemm aktar minn 12 – il metru minn dan l-istess Ġnien u mhux kif kien ssuġeriet. Is-Sur Caruana talab sabiex isir stqarrija fuq din is-sitwazzjoni. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku qal li huwa ser jkompli jaħdem fuqha u li ser jagħmel minn kollox biex dan l-inkonvenjent jiġi eliminat għal ġid tar-residenti.

**10.3 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgha ntemmet fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm).

Konfermati, illum 6 tà Frar 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv